**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

# Seduta numru 41 tas-Sitt Leġislatura
# Illum it-Tnejn 5 ta' Marzu 2012

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda segwenti:

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Korrispondenza*
3. *Kommunikazzjonijiet*
4. *Rapporti dwar l-offerti u tenders mitfugħa*
5. *Żvillupp dwar rapport dwar ir-restawr tas-Silos ta' Tal-Palma*
6. *Żvillupp dwar il-proġett tal-Għasfura*
7. *Applikazzjoni għal Devoluzzjoni tas-sit esperimentali Tal-Ballut*
8. *Proposta ta' 'Street-Furniture' u reklamar fit-toroq*
9. *Kommemorazzjoin tal-Vittmi tal-Gwerra tat-8 ta' Mejju*
10. *Possibilta' ta' attivita' f' ġieħ il-Profs. David Trump*
11. *Affarijiet Mixxellanji*

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, Id-Deputat Sindku Eman Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsillier Giovanni Gatt u s-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli. Il-Kunsilliera Maria Said kienet skużata.

Il-laqgħa giet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

## 1 Minuti
*Approvazzjoni tal-Minuti*

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

## 2 Korrispondenza

2.1 Il-Kunsill innota l-korripondenza mill-MEPA.

2.2 Il-Kunsill innota wkoll ir-rapporti li daħlu fis-sistema tal-*Customer Care*. Dawn ġew diskussi u ttieħdu deċiżjonijiet dwarhom.

2.3 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

## 3. Komunikazzjonijiet

3.1 Is-Sindku informa li l-isforz tal-Kunsill Lokali fil-qasam ambjentali irċieva rikonnoxximent prestiġjużi billi kien ppremjat bit-Tieni Post fil-kategorija 'Recovery of Recyclable Material – Household Grey Bag' fil-Green Council Awards 2011 mogħti mill-GRTU u Green MT Ltd.

3.2 Is-Sindku spjega kif il-perit tal-Kunsill ser ikun qed iħejji survey tekniku dwar l-iżvillupp propost fil-playing-field tal-pjazza ta' quddiem il-bini tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill. Bħalma diġa' kien diskużż, qed jiġi propost li dan is-sit jiġi rinnovvat u jsir parkeġġ flimkien immodernizzar tal-post ta' rikreazzjoni.

Is-Sindku semma' wkoll li survey ieħor ser isir dwar rinovvament tal-lattrini pubbliċi fil-bajja tal-Ġnejna.

3.3 Dwar ix-xogħol li ser isir fuq il-bankini ta' Triq Fisher, is-Sindku ħabbar li ser jinbidel il-perit mill-EMDP għall-DTR (il-kumpanija il ġdid tal-periti tal-Kunsill) biex dan il-proġett jitwettaq. Sar qbil unanimu li il-bankina ta' quddiem l-iskola tibqa kif inhi filwaqt li dik ta' faċċata ssir pavimentata biex jiġi kkumplimentat ix-xogħol eżistenti.

3.4 Is-Sindku informa li kienet saret laqgħa bejnu, is-Segretarju Eżekuttiv u rappreżentant tal-Gaia Foundation dwar il-possibilta' li il-bajja ta' Għajn Tuffieħa tingħata ċ-ċertifikat 'Blue Flag'.

3.5 Is-Sindku informa li kienet intbgħatet email lil Area Manager tal-MTA dwar il-parkeġġ li hemm fuq ir-riħ tal-bajja ta' Għajn Tuffieħa, peress li hemm nuqqas ta' sigurta' f partijieet minn dan il-parkeġġ. Ser tinġabar stima mingħġand il-kuntrattur biex issir crash-barrier fejn m' hemmx ilqugħ. Ser jittella' l-ħajt li waqa' b' xogħol tal-handimen tal-Kunsill.

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

3.6 Is-Sindku informa li sar xogħol estensiv ta' patching b' urġenza minn Daniel Borg fil-Ballut u fi Triq Bu Naħħala minħabba ħsarat li ġarbu dawn l-inħawi.

## 4. Rapporti dwar l-offerti u tenders mitfugħa

- **Kwotazzjoni MGR 2012/K1 : Servizz ta' Tindif u Manutenzjoni tal-Lattrini Pubbliċi ta' Ġnien Skorba, L-Imġarr**

  Saret laqgħa mas-Sur Alex Fenech tal-EuroClean, li kien tefa' l-aktar offerta vantaġġjuża. Hu spjega kif beħsibu jaħdem dan is-servizz u ġew iċċarati xi ġunti mqajma mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

- **Kwotazzjoni MGR 2012/K2 : Proviżżjon ta' sinjal ta' 'Merħba' fil-lokalita'**
  Sign Services ġew ikkuntatjati u nfurmati biex jibdew ix-xogħol. Dan ser isir fil-ġimgħġat li sejrin.

- **Kwotazzjoni MGR 2012/K3 : Servizz ta' rinnovament taż-żebgħa tal-iskrizzjonijiet ta' monumenti u lapidi kommemorattivi fil-lokalita'.**
  Peress li ma kien hemm l-ebda' offerta għall-din is-sejħa, ġie diskuss li xi nies kienu ser jiġu avviċinati sabiex jagtħu stima ta' dan ix-xogħol.

- **Kwotazzjoni MGR 2012/K4 : Servizz ta' tqassim ta' materjal ta' informazzjoni fir-residenzi kollha tal-lokalita'.**
  Il-kumpanija Mailbox Services Group ġiet mgħarfa li kien qed tintlaqa' l-offerta tagħha.

- **Kwotazzjoni MGR 2012/K5 : Servizz ta' modifika fil-magna tal-vann tal-Kunsill**
  Il-Kunsill ser ikun qed ifittex kwotazzjonijiet oħra għall-dan ix-xogħol, peress li dan hu xogħol urġenti u ma daħlu l-ebda' offerta għal dan ix-xogħol.

- **Kwotazzjoni MGR 2012/K6 : Proviżżjon ta' viti ta' l-ilma bil-'push-button' għal-lattrini pubbliċi**
  Is-Sur Frankie Portelli ser jiġi mgħarraf biex is-servizz jingħata fil-ġimgħat li ġejjin.

- **Kwotazzjoni MGR 2012/K7 : Proviżżjon ta' servizz ta' tindif tal-bini amministrattiv**
  Saru laqgħat tas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv mat-tliet offerenti għall-din il-kwotazzjoni. Qed issir evalwazzjoni ta' dawn l-offerti u ta' dak li ħareġ minn dawn l-intervisti.

**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

- **Tender MGR 2012/01 – Provizjon ta' Servizz ta' 2 Handymen**
  Il-Kunsill avviċina liż-żewġ offerenti , is-Sur Paul Grech u s-Sur Joseph Sammut. Il-Kunsill ser ikun qiegħed jevalwa l-proposta tagħhom fil-ġranet li ġejjin.

**5. Żvillupp dwar rapport dwar restawr tas-Silos ta' Tal -Palma**

5.1 Clayton Gauci rrapporta dwar is-survey li wettaq is-Sur Terry Aegan dwar il-possibilita' ta' restawr fis-Silos. Skond dan is-survey (li għalih ġew esperti barranin), jirriżulta li dawn is-silos jistgħu jiġu restawrati. Ser ikun qed jitħejja rapport dwar dan fil-ġimgħat li ġejjin. Issemma wkoll li s-Sur Aidan Xuereb kien inħatar bħala Project Coordinator. Is-Sur Clayton Gauci kien qiegħed imexxi dan il-proġett.

**6. Żvillupp dwar il-proġett tal-Għasfura**

6.1 Is-Sindku informa dwar l-aħħar żvilluppi li kien hemm fil-proġett tar-rinovvament u twaqqif ta' ċentru ambjentali f' tal-Għasfura. Saret laqgħa bejn l-HSBC Malta Foundation, l-Universita' ta' Malta, in-Nature Trust u l-Kunsill Lokali. L-Universita' resqu l-ftehim li diġa' sar dwar dan il-proġett u se jitwettaq Memorandum of Understanding bejn il-aprtijiet konċernati dwar it-tfassil u l-eżekuzzjoni ta' dan il-proġett. Ġie maqbul li l-finanzjarjament ser jiġi afdat f' idejn l-HSBC Malta Foundation filwaqt li ser tii mistiedna wkoll l-aġenżija Din l-Art Ħelwa. Is-Sindku u d-Deputat Sindku ġew mistiedna wkoll fil-kwalifika tagħhom fil-Kunsill Lokali.

**7. Applikazzjoni għad-devoluzzjoni tas-sit esperimentali tal-Ballut**

7.1 Peress li dan is-sit qed jintuża bħala masġar għas-siġar taċ-ċipress li qed jintużaw għall-istudju tal-proġett MED – Cypfire, ser issir talba għad-devoluzzjoni ta' dan is-sit. Għaldaqstant ser ssir pjanta tas-sit mill-perit tal-Kunsill biex jinbeda' dan il-proċess. Saret diskuzzjoni u sar qbil unanimu dwar dan.

**8. Proposta ta' 'Street-Furniture' u reklamar fit-toroq**

8.1 Ġie diskuss l-abbozz ta' ftehim dwar 'street-furniture' u reklamar hekk kif proppost mill-avukat tal-Kunsill. Sar qbil unanimu dwar dan u se jidħol fis-seħħ fil-ġimgħat li ġejjin. Ġie deċiż ukoll li l-applikazzjonijiet ikollhom magħhom site-plan u ritratt.

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

**9. Kommemorazzjoni tal-Vittmi tal-Gwerra tat-8 ta' Mejju**

9.1 Saret diskussjoni u sar qbil unanimu li jsiru attivitajiet biex titfakkar il-V Day. Dan ser isir permezz ta' ċelebrazzjonijiet fil-lokalita' nhar il-Ħadd 6 ta' Mejju. Ġie deċiż li jsir dan il-programm :

- Quddiesa bis-sehem ta' dawk li rċevew ir-Rikonoxximent u Ġieħ l-Imġarr matul is-snin;
- Proċessjoni żgħira mill-knisja għall-quddiem il-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv, li tkun tinkludi ukoll fanfara żgħira quddiem il-monument tal-vittmi tal-gwerra'
- Membri tal-Kunsill jippreżentaw fjuri;
- Rappreżentanti tal-Għaqdiet itellgħu fjura;
- Titella' bandiera fuq l-arblu tal-Uffiċċju Amministrattiv;
- Isir diskors tal-okkażżjoni.

**10. Possibilta' ta' attivita' f' ġieħ il-Profs David Trump**

10.1 Is-Sindku informa li minn informazzjoni li għandu, il-Profs. David H. Trump, kien ser ikun Malta fil-ġimgħat li ġejjin. Għalhekk saret proposta ta' biex tittella' attivita' żgħir biex jiġi kkommemorat l-għotja ta' Ġieħ l-Imġarr 2012 lill-Profs. Trump. Ġie maqbul li l-attivita' ssir nhar il-Ġimgħa 30 ta' Marzu, wara nofs in-nhar. Se jittieħed l-input ta' Heritage Malta u tas-Sur Daniel Cilia biex jiġi deċiż x' l-aħjar li jsir.

**11. Affarijiet Mixxelanji**

11.1 Is-Sindku semma' li kien irċieva talba biex issir Hill-Climb fit-telgħa tal-bajja tal-Ġnejna nhar it-18 ta' Marzu. Kellha tinħareġ no-objection għall-din l-atttivita' taħt il-kunsizzjonijiet tas-soltu.

11.2 Is-Sindku semma' li kien ser jitqabbad Frans Galea biex jagħmel 4 stands tal-weather stations għas-siti tal-Ballut u tal-Ġnejna fejn is-siġar tal-proġett Cypfire.

11.3 Eman Vella ssuġġerrixxa li, anke' minħabba ħarsien tal-wirt storiku tal-lokalita', isir koppja tar-ritratt li juri l-bini tal-Kunsill hekk kif dan tlesta oriġarjament u jiddendel għall-eżibizzjoni fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv. Sar qbil dwar dan.

11.4 Giovann Gatt semma' li kien hemm parti mill-bankina ta' Triq Dun Edgar kienet perikoluża u kien hemm bżonn xi xogħol fuqha.

**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

11.5 Giovann Gatt staqsa jekk kienx hemm xi żvilluppi dwar id-Day-Care Centre tal-Anzjani. Is-Sindku wieġeb li li kien ser issir laqgħa mal-Ministeru fil-ġranet li ġejjin.

11.6 Clayton Gauci rrapporta li Triq l-Amarozz kienet sfrondat. Is-Sindku semma' li kien diġa' għadda rapport lill-Kuntrattur.

11.7 Giovann Gatt ppropona li ssir talba sabiex il-Valley Management Unit innaddfu il-wied tal-Ġnejna. Sar qbil dwar dan u Eman Vella ser jieħu ħsieb biex jagħmel dan il-kuntatt.

11.8 Clayton Gauci semma' li kien hemm bżonn ta' iktar bins għall-iskart tal-klieb fi Triq id-Dwieli. Is-Sindku semma' li kienu ser jitwaħħlu aktar minn dawn il-bins.

**Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fid-9.05pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn, 2 ta' April 2012 fil-5.30pm, fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku